

KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– MONTENEGRO –

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

AD 55/26

LIMITE

CONF-ME 19

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 29: Unjoni Doganali

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negożjar 29: Unjoni doganali

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hi bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2/12) u hi soġġetta għall-prinċipji ta' negożjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn parti waħda jew l-oħra dwar kapitolu tan-negożjati mhu ser tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitoli oħrajn;
- ftehimiet - anke ftehimiet parzjali - milħuqa matul in-negożjati dwar kapitoli li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm ikun ġie stabbilit ftehim ġenerali;
- ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negożjar.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ acquis addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u jiżviluppa, diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 15/14 REV 2 CONF-ME 10 u AD 11/26 CONF-ME 10, jaċċetta l-acquis taħt il-Kapitolu 29 kif fis-seħħ fl-16 ta' April 2026, u li jiddikjara li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tfakkar li hi tqis meħtieġ li jiġu inklużi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar il-punti li ġejjin fit-Trattat tal-Adeżjoni mal-Montenegro:

- dispożizzjoni li tiżgura t-tkomplija, wara l-adeżjoni, tal-validità ta' provi tal-orijini maħruġa qabel l-adeżjoni fil-qafas ta' ftehimiet preferenzjali konklużi mill-Montenegro ma' pajjiżi terzi. Din il-miżura hija meħtieġa biex jinżammu u jiġu rrispettati ċ-ċertezza legali u l-fiduċja tal-operaturi;
- dispożizzjonijiet dwar ħżin doganali, proċessar attiv, u aċċettazzjoni temporanja. Tali dispożizzjonijiet huma meħtieġa sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jitwettqu dawn il-proċeduri;
- dispożizzjonijiet dwar ir-remissjoni, l-irkuprar u l-ħlas lura tad-dazji. Tali dispożizzjonijiet huma meħtieġa għall-ġestjoni tajba tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

Meta d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jirreferu għar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni), inkluż l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati tiegħu, tali referenzi għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni l-ġdid, ladarba jkun applikabbli.

L-UE tqis li għandu jiġi stipulat fl-Att tal-Adeżjoni li l-Kunsill, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jagħmel l-adattamenti lid-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Adeżjoni relatati mal-Unjoni Doganali li jistgħu jkunu meħtieġa bħala riżultat ta' xi modifika fir-regoli tal-Unjoni. Tali adattamenti jistgħu jsiru diġà qabel id-data tal-adeżjoni.

Leġiżlazzjoni doganali

L-UE tieġu nota li minn mindu nfetħu n-negozjati ta' dan il-kapitolu fl-2014, il-Montenegro kienet allinjata mal-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali tiegħu mal-acquis doganali tal-UE.

L-UE tinnotta li l-Liġi Doganali tal-Montenegro hija ġeneralment allinjata mal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, u l-leġiżlazzjoni sekondarja korrispondenti, kif ukoll mal-acquis tal-UE dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka. Il-Liġi Doganali u r-regolamenti u l-ġabriet tar-regoli nazzjonali rilevanti jinkludu dispożizzjonijiet dwar ir-regoli u l-proċeduri doganali ġenerali, l-istatus u t-tranżitu doganali, il-valutazzjoni doganali, il-klassifikazzjoni u t-tariffa doganali, ir-regoli tal-orijini, il-ġestjoni tar-riskju doganali u l-aspetti tas-sigurtà, inkluż il-programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO), li huma ġeneralment allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Barra minn hekk, fil-qasam tal-klassifikazzjoni u t-tariffa doganali, l-UE tilqa' l-emendi annwali tal-Liġi dwar it-Tariffa Doganali biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni Montenegrina tkun kienet allinjata mal-emendi annwali tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

L-UE tieġu nota li, fil-qasam tal-eżenzjoni mid-dazju, il-leġiżlazzjoni tal-Montenegro hija fil-biċċa l-kbira allinjata mal-acquis tal-UE. L-UE tistenna li sad-data tal-adeżjoni, il-Montenegro ser jallinja r-regoli tiegħu dwar l-eżenzjonijiet relatati mal-importazzjoni tal-birra fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi, mar-regoli tal-UE. L-UE tindika li l-eżenzjonijiet nazzjonali li mhumiex permessi fl-UE jridu jiekfu japplikaw sad-data tal-adeżjoni tal-Montenegro mal-UE.

L-UE tilqa' l-pjan tal-Montenegro li jadotta Liġi ġdida dwar it-Tieqa Unika li ser tipprovdi l-bażi legali għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-Ambjent ta' Tieqa Unika għad-Dwana kif ukoll id-dispożizzjonijiet regolatorji msaħħa tiegħu dwar iż-Żoni Liberi mmirati lejn it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll fiż-żoni liberi, it-tisħiħ tas-superviżjoni doganali, it-trasparenza u l-konformità mal-istandards internazzjonali.

L-UE tilqa' wkoll ir-ratifiki mill-Montenegro tal-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu (CTC) u l-Konvenzjoni dwar is-Simplifikazzjoni ta' Formalitajiet f'Kummerċ ta' Oġġetti (SAD) u l-adeżjoni tiegħu ma' dawn il-Konvenzjonijiet fl-1 ta' Novembru 2025.

Fir-rigward tal-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-UE tilqa' l-allinjament tal-Montenegro mal-acquis tal-UE.

Fir-rigward tal-kontroll doganali tal-beni kulturali, l-UE tinnota li l-Montenegro huwa fil-biċċa l-kbira allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden lill-Montenegro jadotta l-Liġi dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1081/2012, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2019/880 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 2021/1079 malajr kemm jista' jkun.

Fir-rigward tal-kontroll tal-flus kontanti mid-dwana, il-qafas legali Montenegrin li jirregola l-kontroll tal-moviment transfruntier tal-flus kontanti għad irid jiġi allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE thegħegħ lill-Montenegro jallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tiegħu dwar il-kontroll tal-flus kontanti mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li l-qafas legali tal-Montenegro dwar il-kontroll doganali tal-prekursuri tad-droga huwa ġeneralment allinjat mal-acquis tal-UE u tistenna li l-Montenegro jlesti l-allinjament sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tiegħu nota tal-progress tajjeb miksub u tal-impenn tal-Montenegro li japplika l-acquis sħiħ tal-UE fil-Kapitolu 29 u jittrasponi kwalunkwe bidla għal dak l-acquis fil-leġiżlazzjoni tiegħu sad-data tal-adeżjoni. L-UE tfakkar li l-leġiżlazzjoni doganali tal-UE ser tkun applikabbli direttament fil-Montenegro mid-data tal-adeżjoni u li l-Montenegro għandu jieħu l-passi adatti bil-ħsieb li jabolixxi jew jemenda, kif adatt, kwalunkwe dispożizzjoni fil-ftehimiet bilaterali rilevanti li tista' ma tkunx kompatibbli mal-acquis tal-UE, mid-data tal-adeżjoni.

L-UE tistieden lill-Montenegro jżommha regolarment infurmata dwar l-iżviluppi u l-passi meħudin fir-rigward ta' allinjament ulterjuri tal-leġiżlazzjoni doganali tagħha mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi deskritti hawn fuq tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel parametru referenzjarju għall-għeluq imniżżla fid-dokument AD 33/14 CONF 27.

Kapaċità amministrattiva u organizzattiva

L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Montenegro li jkun lest jipprevedi applikazzjoni uniformi u effettiva tal-acquis doganali mal-adeżjoni. L-UE tistenna li l-Montenegro jwettaq l-impenji tiegħu biex itejjeb il-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu fid-dwana sad-data tal-adeżjoni.

Organizzazzjoni amministrattiva

L-UE tieħu nota tal-progress li sar mid-Dwana tal-Montenegro fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħha biex timplimenta u tinforza b'mod effettiv il-leġislazzjoni doganali.

L-UE tilqa' l-adozzjoni ta' Ġabra ta' Regoli dwar l-organizzazzjoni interna u l-klassifikazzjoni tal-impjiegi f'Ottubru 2025, li tagħti l-istruttura tal-organizzazzjoni kif ukoll l-għadd u l-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' impjeg fi ħdan l-Amministrazzjoni Doganali. L-UE tinnota li f'Ottubru 2024 il-Montenegro adotta Strateġija tan-Negożju u Pjan ta' Azzjoni komprensivi għall-Amministrazzjoni Doganali għall-perjodu 2024-2026, li kien qed jimplimenta b'mod konsistenti. F'Awwissu 2025, ġew adottati l-Istrateġija għall-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani għall-perjodu 2025-2026 kif ukoll Strateġija għat-Taħriġ.

L-UE tieħu nota wkoll tad-Dipartiment tal-Kontroll Intern tal-Amministrazzjoni Doganali li jiffunzjona tajjeb u tħeġġu jkompli l-ħidma tiegħu b'mod indipendenti. L-UE tilqa' l-approċċ proattiv tal-Amministrazzjoni Doganali biex timplimenta miżuri għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u tiżgura livell għoli ta' integrità.

L-UE tilqa' l-adozzjoni tal-Liġi dwar iż-Żoni Liberi li testendi s-setgħat tad-dwana li tikkontrolla u tissorvelja l-merkanzija fiż-żoni liberi u tħeġġeġ lill-Montenegro jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa mingħajr dewmien.

L-UE tistieden lill-Montenegro jkompli jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu biex jimplimenta u jinforza b'mod effettiv l-acquis tal-UE f'dan il-kapitolu. L-UE tilqa' l-impenji tal-Montenegro biex isaħħaħ il-kapaċitajiet doganali tiegħu biex ikun jista' jlaħħaq ma' volumi akbar ta' kummerċ, biex jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu għall-ġbir tar-riżorsi proprji tal-UE kif ukoll biex jiżgura livell ekwivalenti ta' kontroll tal-merkanzija li taqsam il-fruntieri esterni tal-UE wara l-adeżjoni tal-Montenegro mal-UE. L-UE tfakkar lill-Montenegro li huwa essenzjali li jsaħħaħ l-implimentazzjoni u l-kapaċitajiet diġitali tiegħu fil-qasam doganali peress li l-Montenegro ser ikun responsabbli għall-proċeduri u l-kontrolli doganali tal-merkanzija li tidħol fl-Unjoni Doganali tal-UE u, konsegwentement, fis-Suq Uniku mid-data tal-adeżjoni.

L-UE għalhekk tilqa' l-impenji qawwija mill-Montenegro li jieħu miżuri sal-adeżjoni biex itejjeb aktar il-kapaċità tal-Amministrazzjoni Doganali fl-oqsma tar-riżorsi umani, it-taħriġ, it-tagħmir ta' kontroll doganali, il-kejl tal-prestazzjoni, il-modernizzazzjoni tal-proċeduri doganali u l-proċessi ta' żdoganar, it-titjib tal-kontroll doganali u l-kapaċità ta' infurzar biex l-acquis jiġi implimentat b'mod effettiv.

L-UE tistenna li l-Montenegro jżommha infurmata regolarment dwar l-iżviluppi u l-passi meħuda f'dan ir-rigward. L-UE tinnota li l-Montenegro ħejja diversi pjanijiet ta' azzjoni bi stadji importanti u riżultati konkreti biex isaħħaħ il-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea ser timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni. B'mod partikolari, l-UE tistenna li l-Montenegro jżid l-għadd ta' uffiċjali doganali (fosthom speċjalisti tal-IT) b'mhux inqas minn 40 uffiċjal full-time kull sena (ekwivalenti għal 10 % taċ-ċifra attwali) sad-data tal-adeżjoni. L-UE tissottolinja li mid-data tal-adeżjoni, l-Amministrazzjoni Doganali tal-Montenegro ser ikollha timmaniġġa u tikkontrolla l-fruntieri tal-Montenegro fl-interess taċ-ċittadini u l-operaturi tal-kummerċ tal-UE, li mbagħad ser ikunu l-fruntieri esterni tal-Unjoni.

L-UE tinnota li l-azzjonijiet deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tieni parametru referenzjarju għall-għeluq stabbilit fid-dokument AD 33/14 CONF 27.

L-ambjent doganali diġitali tal-UE

L-UE tissottolinja li l-adeżjoni mal-UE tirrikjedi li l-proċeduri doganali jkunu kompletament diġitalizzati u li s-sistemi diġitali użati mill-Amministrazzjoni Doganali tal-Montenegro jkunu interkonnessi mal-ambjent doganali diġitali tal-UE.

L-UE tivvaluta b'mod pożittiv l-implimentazzjoni mill-Montenegro tal-Fażi 6 tas-Sistema l-Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) u t-titjib tas-sistemi ta' informazzjoni doganali nazzjonali tiegħu b'funzjonalitajiet addizzjonali fil-qasam tal-ipproċessar tad-dikjarazzjonijiet doganali u tad-deċiżjonijiet doganali, il-ġestjoni awtomatizzata tar-riskju u l-ipproċessar ta' data minn qabel dwar it-traffiku marittimu u postali.

L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro adotta pjanijiet ambizzjużi biex jiżviluppa s-sistemi doganali diġitali kollha li jridu jkunu disponibbli fil-Montenegro biex ikun jista' jimplimenta l-acquis doganali tal-UE f'ambjent diġitali allinjat bis-sħiħ mal-istandards u r-rekwiżiti tal-UE sad-data tal-adeżjoni u żgura r-riżorsi baġitarji meħtieġa. B'mod partikolari, l-UE tinnota li l-Montenegro adotta programm nazzjonali għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-bidu tat-tħaddim ta' 11-il komponent nazzjonali tas-sistemi doganali diġitali tal-UE, mogħtija bħala donazzjoni mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja, kif ukoll tas-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) u s-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2).

L-UE tistieden lill-Montenegro jadotta programm ta' implimentazzjoni nazzjonali aktar dettaljat, li jinkludi skedi ta' żmien, stadji importanti u riżultati konkreti u li jistgħu jinkisbu għal kull fażi tal-proġett, jipprevedi sistema robusta għall-monitoraġġ tal-istadji importanti interim, u jistabbilixxi qafas ta' governanza li jiffaċilita diskussjonijiet miftuħa mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni. Għaldaqstant, l-UE tistieden lill-Montenegro jistabbilixxi skema ta' governanza adegwata li tinvolvi dipartimenti differenti kif ukoll maniġment superjuri biex jimmaniġġa u jimmonitorja l-implimentazzjoni diġitali meħtieġa u jindirizza kwalunkwe riskju identifikat. Barra minn hekk, l-UE tistieden lill-Montenegro biex, fi ħdan l-Amministrazzjoni Doganali, jibni u jżomm il-kapaċità li jimmaniġġa l-proġetti min-naħa tan-negozju u tal-IT (riżorsi umani fi ħdan l-Amministrazzjoni Doganali) u jiżgura l-appoġġ mingħajr interruzzjoni tal-kuntratturi esterni kif ukoll irawwem kooperazzjoni u koordinazzjoni effettivi mas-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-UE tappella lill-Montenegro biex jiżviluppa u jistabbilixxi strateġija ta' tranżizzjoni u taħriġ għall-uffiċjali doganali u l-operaturi ekonomiċi, filwaqt li jalloka u jiżgura riżorsi għall-iżvilupp u l-manutenzjoni kontinwi tas-sistemi f'konformità mal-evoluzzjonijiet fl-ambjent doganali diġitali tal-UE.

Għalhekk, l-UE thegħgeġ lill-Montenegro biex isaħħaħ b'mod sinifikanti, qabel l-adeżjoni, l-isforzi tiegħu biex jiżviluppa, jittestja u juża fil-livell nazzjonali s-sistemi diġitali meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri doganali, filwaqt li jiżgura ġestjoni tar-riskju awtomatizzata u kontrolli xierqa tal-flussi tal-merkanzija, u jissalvagwarda l-fruntieri esterni tal-UE.

L-UE tenfasizza l-importanza li l-Montenegro jieħu azzjonijiet adegwati biex jissodisfa r-rekwiżiti msemmija hawn fuq peress li l-integrazzjoni tal-Montenegro fl-Unjoni Doganali tal-UE mid-data tal-adeżjoni ser tkun possibbli biss jekk l-Amministrazzjoni Doganali tkun implimentat is-sistemi diġitali kollha meħtieġa tal-UE. Dan jinkludi l-allinjament tal-ambjent doganali diġitali nazzjonali tiegħu mal-istandards u r-rekwiżiti tal-UE biex jiġu żgurati l-konnettività u l-interoperabbiltà, kif ukoll li ssir possibbli l-konnessjoni tan-negozji rilevanti mal-ambjent doganali diġitali tal-UE. Barra minn hekk, il-Montenegro jrid jiżgura li l-aċċess u l-użu tas-sistemi doganali ċentrali tal-UE, inkluż l-integrazzjoni fil-proċessi u s-sistemi nazzjonali, jiġu implimentati.

L-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi informazzjoni regolari dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi diġitali meħtieġa tal-UE fl-ambjent doganali nazzjonali tiegħu. Il-Kummissjoni ser tassisti u timmonitorja mill-qrib il-progress tal-Montenegro fit-twettiq tal-programm ta' implimentazzjoni diġitali tiegħu fil-qasam doganali.

L-UE tenfasizza bil-qawwa li biex il-Montenegro jkun jista' jipparteċipa fis-Suq Uniku u fl-Unjoni Doganali, sad-data tal-adeżjoni ser ikollu jkun jista' jimplimenta l-leġiżlazzjoni doganali rilevanti u s-sistemi tal-IT doganali kollha meħtieġa tal-UE li għandhom il-mira tal-applikazzjoni effettiva tal-qafas doganali. Jeħtieġ li l-Montenegro jkun kapaċi jikseb riżultati b'rabta mal-leġiżlazzjoni doganali u s-sistemi tal-IT sad-data tal-adeżjoni, inkella jinħoloq riskju għoli li l-pajjiż jintuża bħala punt ta' dħul biex jiġu evitati r-regoli tal-Unjoni Doganali. Sabiex jiġi evitat tali riskju, l-UE ser timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni xierqa u fil-ħin mill-Montenegro tal-iżvilupp u l-funzjonalitajiet tas-sistemi tal-IT doganali sal-adeżjoni, u, f'dan il-kuntest, il-Montenegro għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti ta' progress kull sitt xhur mid-data tal-għeluq ta' dan il-kapitolu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ser tuża valutazzjonijiet regolari tal-progress tal-Montenegro lejn il-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni Doganali sal-adeżjoni.

L-UE tinnota li l-azzjonijiet imsemmija hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tielet parametru referenzjarju għall-għeluq stabbilit fid-dokument AD 33/14 CONF 27.

* * *

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negożjati. L-UE tissottolinja li ser tiddedika attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro, l-allinjament legali sħiħ mal-acquis fis-setturi kollha koperti minn dan il-kapitolu, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi. Jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli ta' negożjati oħrajn. Il-valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro mal-acquis u tal-kapaċità tiegħu ta' implimentazzjoni tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negożjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negożjati f'dan il-kapitolu u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tiegħu.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-UE, jekk ikun meħtieġ, ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet tiegħu ta' negożjar AD 15/14 REV 2 CONF-ME 10 u AD 11/26 CONF-ME 10, jaċċetta l-acquis taħt il-kapitolu 29 kif fis-seħħ fis-16 ta' April 2026. L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis u li ser ikun lest jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn is-16 ta' April 2026 u l-konklużjoni tan-negożjati.